MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 234/2013

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Helen Upchurch**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li fih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata li thallasha s-somma ta' tmint elef, tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€8,358.64) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2" u Dok "B1 sa B3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Lulju, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati datati 21 ta' Dicembru 2004 (Dok "C") u 8 ta' Mejju 2006 (Dok "D") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuta Helen Upchurch (a) naqset milli thallas il-

pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2012 (Dok "E") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hi minn issa giet ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuta Helen Upchurch, ppresentata fl-24 ta' Settembru, 2013 (a fol. 23 tal-process) li biha l-istess konvenuta ammettiet it-talbiet tas-socjeta attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2014 (a fol. 48 tal-process) li biha l-istess socjeta' attrici rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' sebat elef, seba' mija u erbghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€7,740.44) flimkien mal-imghax legali mill-21 ta' Jannar, 2014 sal-jum tal-effettiv pagament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fl-24 ta' Frar, 2014 li fiha rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' sebat elef erbgha mija u tmienja u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€7478.10) stante pagament fil-mori tad-differiment.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici, kif minnha ridotta, u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef erbgha mija u tmienja u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€7478.10) flimkien mal-imghax legali mill-21 ta' Jannar, 2014 sal-jum tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2012 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------